MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 136/1994/1

**John Azzopardi**

**v.**

**Martin Camilleri**

**Il-Qorti:**

**<u>I. PRELIMINARI</u>**

1 Fl-24 ta’ Awissu 1994 John Azzopardi (“l-attur/l-appellat”) intavola att tac-citazzjoni kontra Martin Camilleri (“il-konvenut/l-appellant”), li bih irrefera ghal incident awtomobilistiku li sehh fit-28 ta’ Lulju 1994, bejnu u bejn il-konvenut. L-attur kien qieghed isuq il-van tieghu numru tar-registrazzjoni L8136 u kien tiela it-telgha ta’ Selmun lejn id-direzzjoni tal-Mellieha bi speed moderat u n-naha tieghu tal-kareggjata. Il-konvenut kien qieghed isuq trakk tat-tip Bedford b’numru tar-registrazzjoni V7487 niezel lejn ix-Xemxija u l-attur jallega li x’hin il-konvenut wasal ghal-liwja ta’ l-istess nizla, huwa gibed ghal fuq in-naha tal-kareggjata ta’ l-attur bir-rizultat li gie investit bin-naha ta’ wara ta’ l-istess trakk u b’hekk gara l-incident awtomobilistiku in kwistjoni. L-attur qieghed jallega illi dan l-incident awtomobilistiku gara bi htija unika tal-konvenut u qieghed jaghmel din il-kawza biex il-Qorti taghmel dikjarazzjoni f’dan is-sens, biex tillikwida d-danni kollha li l-attur sofra minhabba l-incident in kwistjoni u biex l-istess konvenut ikun ikkundannat ihallas id-danni kollha hekk sofferti likwidati bl-ispejjez.

2. Il-konvenut ikkontesta l-kawza billi ecepixxa li t-talbiet ta’ l-attur kienu infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-incident in kwistjoni gara unikament tort ta’ l-attur.

3. B’sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex Superjuri) fl-24 ta’ April 2001, dik il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut u laqghet it-talbiet kollha ta’ l-attur u llikwidat id-danni sofferti mill-attur fis-somma ta’ elfejn mitejn u disgha u sittin lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm2,269.45c) liema somma l-konvenut gie kkundannat ihallas lill-attur, bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

4. Kopja shiha ta’ din is-sentenza ta’ l-24 ta’ April 2001 qeghdha tigi annessa bhala appendici mas-sentenza odjerna biex tifforma parti integrali minnha u dan billi dik is-sentenza fiha riprodotti l-att tac-citazzjoni prezentat mill-attur, l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll l-motivazzjonijiet kollha li wasslu lil dik il-Qorti biex tiddeciedi l-kawza kif intqal fil-paragrafu precedenti.

## II. L-APPELL

5. Fl-14 ta’ Mejju 2001 il-konvenut intavola appell minn din is-sentenza quddiem din il-Qorti, fuq l-allegazzjoni li l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha. Fir-rikors ta’ l-appell tieghu l-appellant spjega din l-allegazzjoni tieghu u talab li din il-Qorti joghgobha tilqa’ l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata billi tichad it-talbiet ta’ l-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

6. L-attur appellat ikkontesta l-appell permezz ta’ risposta ta’ l-appell prezentata minnu fit-28 ta’ Mejju 2001. F’din ir-risposta l-appellat spjega ghaliex is-sentenza appellata kienet gusta u ghaliex l-aggravju mressaq mill-appellant kien bla ebda bazi, u ghalhekk talab li din il-Qorti li joghgobha tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti fl-interezza taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenut appellant.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI

7. Il-kollizzjoni meritu tal-kawza sehhet bejn van misjuq mill-attur u t-trakk kbir misjuq mill-konvenut f’wahda mid-dawriet (sharp bends) li hemm fi Triq ta’ Selmun, limiti tal-Mellieha. Il-konvenut kien niezel il-nizla sejjer fid-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar waqt li l-attur kien tiela’ t-telgha sejjer fid-direzzjoni tal-Mellieha. Ghalhekk din il-kollizzjoni tikkoncerna zewg vetturi li kienu qeghdin jinsaqu f’direzzjonijiet opposti, pero` l-habta grat f’liwja qawwija hafna u li tirrikjedi mis-sewwieqa attenzjoni specjali meta jkunu qeghdin jimmanuvrawha.

8. F’din il-kawza, minnbarra l-partijiet xehdu Joseph Formosa li kien passiggier fil-van ta’ l-attur kif ukoll Michelangelo Ciantar u Angelo Grech li waslu fuq il-post ftit wara li sehhet il-habta u li gew imressqa bhala xhieda mill-konvenut biex jixhdu dwar minn fejn kienu ghaddew bil-vettura taghhom fi triqtihom l-isfel fid-direzzjoni ta’ San Pawl il-Bahar. Xehed ukoll is-Surgent Simon Gauci li kien investiga l-kaz u li mix-xiehda tieghu irrizulta li huwa sab il-vetturi gia` mcaqalqa minn posthom ghaliex qabel wasal hu kien hemm pulizija ohra li ordnaw lis-sewwieq jcaqalqu l-vetturi taghhom wara li l-istess ufficjali tal-pulizija ghamlu

sinjali fit-triq. Is-surgent Gauci xehed li l-kejl li ha hadhom fuq dawn is-sinjali li saru fit-triq. Haga sorprendenti f'din il-kawza hija li dan is-surgent esebixxa skizz a fol. 32 tal-process li ma kienx jaqbel preciz ma' l-original li kien jinsab fl-ghassa tal-Qawra. Kopja ta' dan l-iskizz tinsab esebita a fol. 120 bhala dokument JA3. Haga sorprendenti kienet li dan ix-xhud ma spjegax ghaliex kienet sehhet din id-diskrepanza bejn dawn iz-zewg sketches. Din id-diskrepanza sostanzjalment tikkonsisti fil-fatt li fl-iskizz a fol. 32 tal-process it-trakk tal-konvenut huwa delinejat bhala li qieghed iktar 'il gewwa lejn in-naha tieghu tat-triq b'cirka b'xi metru waqt li l-van ta' l-attur tidher sporguta ftit aktar 'il barra fuq in-naha l-hazina tat-triq. Sorprendentement ukoll iz-zewg pulizija li indika s-Surgent Gauci waqt li kien jixhed u li hadu hsieb jidderiegu t-traffiku appena saret il-habta ma gewx prodotti bhala xhieda f'din il-kawza.

9. Bazikament il-konvenut qed jibbaza l-appell tieghu fuq l-allegazzjoni li l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament gust tal-provi mressqa quddiema. Bhala regola din il-Qorti ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni li tuza l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi. Madanakollu jekk tirravviza xi cirkostanza ta' certa gravita` tkun kostretta li ma issegwix il-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti, biex b'hekk tevita li ssir ingustizzja.

10. Fil-qosor hafna, l-appellant qieghed jillamenta li kuntrarjament ghal dak li irriteniet l-ewwel Qorti, it-tip ta' hsara li saret fil-vettura ta' l-attur – wara daqqa bi sbrixx – kienet kompatibbli kemm mal-verzjoni ta' l-attur u cioe` li l-konvenut dahal fih waqt li kien qieghed idur fil-liwja u kemm ukoll mal-verzjoni tal-konvenut li l-attur dahal fuq ir-rota ta' wara tat-trakk tal-konvenut. Il-konvenut appellant qieghed isostni li huwa ma qabizx il-linja medjana tat-triq u li fi kwalunkwe kaz anke jekk oltrepassa din il-linja medjana bi ftit, din mhix fiha nnifisha prova ta' xi negligenza. Fl-ahharnett l-appellant qieghed jissottometti li l-attur seta' jevita l-habta kieku huwa kien qieghed isuq fuq in-naha tax-xellug tieghu, u dan billi t-trakk tal-konvenut ma ikkreja ebda ostakolu ghall-*oncoming traffic* bhal ma kien l-attur u dan kellu spazju bizzejjed fil-

karreggjata tat-triq biex jibqa' ghaddej liberament minghajr ma jolqot lit-trakk tal-konvenut.

11. Wara li din il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi akkwiziti fil-process, ghandha taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

(a) Il-konvenut kien qieghed isuq trakk kbir twil xi tletin pied. L-ewwel Qorti ikkoncediet li dan it-trakk "kellu bilfors jigbed xi ftit 'il barra biex jimmanuvra l-liwja ta' kwazi disghin grad li kien hemm f'dik il-parti tat-triq". Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hija sodisfatta li l-appellant gibed aktar milli kellu bzonn ghan-nofs ta' triq u b'hekk oltre passa l-linja medjana immaginarja fil-karreggjata tat-triq.

(b) L-attur ma qabizx il-lija medjana immaginarja tat-triq qabel ma saret il-habta. Madankollu jirrizulta sodisfacentement ghal din il-Qorti li ma kienx qieghed isuq kemm jista' jkun fuq ix-xellug tieghu. Li kieku l-konvenut ghamel hekk, kif kellu l-obbligu li jaghmel, kieku aktarx li l-incident kien jigi evitat ghaliex ghalkemm il-konvenut invadielu parti mill-karreggjata, xorta wahda kien hemm spazju kbir bizzejjed fuq il-karreggjata fin-naha ta' l-attur biex huwa seta' jghaddi liberament.

(c) Dan l-ahhar imsemmi fatt jirrizulta provat ghaliex wara li sehhet il-habta jirrizulta li vetturi, anke whud minnhom kbar, li kienu nezlin fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar, ghaddew fuq in-naha l-hazin tat-triq u cioe` fl-ispazju li kien hemm bejn it-trakk tal-konvenut u l-hajt minn fejn kien tiela' l-attur. L-istess fatt x'aktarx li jsib korraborazzjoni mill-post ta' fejn saret il-habta u cioe` li t-trakk tal-konvenut intalqat fuq in-naha ta' wara tieghu ezattament fuq id-*double wheel*, waqt li l-hsara fil-vettura ta' l-attur grat fuq il-*mudguard*, xibka, *bumper*, *bonnet*, fanal, *rota*, pilastru u bieba ta' quddiem tan-naha tal-lemin tal-van ta' l-attur.

(d) Il-konfigurazzjoni tat-triq fejn grat il-habta, cioe` f'liwja qawwija hafna, minghajr ebda linja medjana mizbugha fil-karreggjata tat-triq, tirrikjedi livell u grad gholi ta' attenzjoni mis-sewwieqa li jkunu se jimmanuvraw l-

istess liwja. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, f'dik il-liwja sewwieqa li jkunu sejrin f'direzzjoni opposta huma obbligati t-tnejn li huma li jzommu kemm jista' jkun man-naha tax-xellug tan-naha tagghom u li huma jkollhom il-hin kollu kontroll shih tal-vettura taghhom biex ikunu lesti ghal kull imprevist li jista' jinqala' billi l-vizwali fit-tul taghhom tkun ostakolata mill-konfigurazzjoni tal-liwja.

(e) L-ewwel Onorabbli Qorti akkollat il-htija ghall-habta unikament lill-konvenut billi dan invada parti mill-karreggjata spettanti lill-attur. L-ewwel Qorti tista' tghid li ibbazat il-konkluzjoni taghha unikament fuq din ic-cirkostanza. Madanakollu, din ic-cirkostanza wahedha, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, ma hijiex bizzejjed biex il-konvenut jinstab responsabbli unikament ghall-kollizzjoni. Dan ghaliex gie kemm-il darba ritenut minn dawn il-Qrati, li l-fatt li d-driver jkun isuq, minflok fuq ix-xellug tat-triq, kif iridu r-regolamenti, fuq il-*crown of the road*, ma hux deciziv ghas-soluzzjoni tal-kwistjoni dwar liema driver huwa hati tal-kollizzjoni li tigri (ara Kollezz. Vol. XXXVII p. IV p. 1137). Fis-sentenza riportata fil-Volum XLVII part p 2 page p 966 insibu referenza ghal fuq citata sentenza u inoltre jinghad hekk:

"Sewwieq li jkun fuq in-naha l-hazina tat-triq mhux necessarjament ikun responsabbli ghall-kollizzjoni jekk l-agir tieghu ma jkunx ta lok ghal din il-kollizzjoni."

L-insenjament kontenut f'dawn is-sentenzi pjuttost antiki baqghu jircievu favur mill-Qrati taghna anke sa zminijiet pjuttost ricenti kif jirrizulta mill-qari tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet **Dr Louis Bianchi nomine v. Roberta Patigniott**, kif ukoll fis-sentenza moghtija mill-Qorti fis-6 ta' Ottubru 1999, fil-kawza fl-ismijiet **Cecil Ellul v. Joseph Muscat** u fil-kawza fl-ismijiet **Laurence Caruana v. Anthony Falzon** deciza fil-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001. Konsegwentement is-sottomissjoni maghmula mill-konvenut appellant u mressqa bhala aggravju tieghu f'dan l-appell u cioe` li anke fl-ipotezi li l-konvenut oltrepassa l-linja medjana, din mhix fiha nnifisha raguni ta' htija jew negligenza, hija sottomissjoni valida fil-ligi.

(f) Huwa risaput illi bhala regola generali meta si tratta ta' habta bejn zewg vetturi li qeghdin jinsaqu f'direzzjonijiet opposti, is-sewwieq li jaqbez il-linja medjana tat-triq huwa generalment responsabbli ghall-kollizzjoni. Madankollu din mhijiex regola li tapplika f'kull cirkostanza ghaliex jistghu jissuccedu eccezzjonijiet ghaliha. Hekk l-awtur Gibb (ara Gibb and Millner, The Trial Of Motorcar Accidents Cases, section 73 page 64) jinghad hekk:

"The driver who is on the wrong side of the highway in violation of the rule of the road is generally the cause of the collision and therefore responsible for the damage sustained by the one driving on the proper side, provided the latter was exercising reasonable care."

(g) Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taghmel, kif ghamlet bir-rispett kollu l-ewwel Onorabbli Qorti, li ibbazat il-htija tal-kollizzjoni <u>unikament</u> fuq il-fatt li l-konvenut oltrepassa l-linja immaginarja medjana tat-triq. Ghalhekk irid jigi wkoll ezaminat il-komportament tas-sewwieq l-iehor, cioe` l-attur, fil-hin qabel u waqt li sehh l-incident biex jigi stabbilit jekk l-attur kienx jew le qieghed jezercita dik l-attenzjoni u *reasonable care* mistennija minnu meta huwa kien qieghed jimmanuvra fil-liwja qawwija in kwistjoni. F'dan il-kuntest hija f'lokha l-osservazzjoni li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Pulizija v. Joseph Muscat" (1995) meta qalet:

"Min ikun qed isuq, ghalkemm ma jaghmilx dawk il-kalkoli matematici li huma mehtiega biex fil-Qorti jigi apprezzat u gudikat il-kaz, ghandu pero` jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku d-distanzi u l-kollizzjonijiet huma kwistjoni ta' sekondi; u ghalhekk is-sewwieq ghandu jirregola l-ghemil tieghu fis-sewqan konformement."

(h) Din il-Qorti, kif jigri tista' tghid f'kull kaz li jigi ipprezentat fil-Qorti, ghandha quddiemha xiehda u verzjonijiet konfliggjenti. Sfortunatament anke fir-rigward ta' l-iskizz tas-surgent li investiga l-kaz din il-Qorti bilfors li jkollha certi rizervi, ghar-raguni li diga` giet spjegata aktar

qabel f'din is-sentenza. Madanakollu mill-assjem tal-provi akkwiziti fil-process din il-Qorti jidhrilha li l-attur naqas li jadatta s-sewqan tieghu ghac-cirkostanzi specjali li kienet tipprezenta l-konfigurazzjoni tat-triq b'liwja daqshekk qawwija. Din il-Qorti jidhrilha li mill-assjem tal-provi jirrizulta sodisfacentement li l-attur ma kienx qieghed izomm bizzejjed fuq in-naha tax-xellug tieghu kif kien mistenni minnu f'liwja bhal din, kif ukoll huwa ma kellux il-kontroll komplet u shih tal-vettura tieghu. Li kieku ma kienx hemm dawn in-nuqqasijiet fis-sewqan ta' l-attur kieku x'aktar li l-incident kien jista' facilment jigi evitat ghaliex il-konvenut nonostante li oltrepassa l-linja medjana tat-triq, pero` halla spazju kbir bizzejjed biex l-attur seta' jghaddi u jkompli fi triq liberatament.

12. Minn dan kollu li qalet sa issa l-Qorti, jidher car li din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-kollizzjoni ma gratx unikament bi htija tal-konvenut, kif sabet l-ewwel Onorabbli Qorti, izda li din il-Qorti hija attribbwibbli ghall-htija taz-zewg sewwieqa. Jidher li jkun gust li din ir-responsabbilita` tkun akkollata liz-zewg partijiet fil-kawza f'ishma indaqs.

13. L-ewwel Onorabbli Qorti illikwidat d-danni sofferti mill-attur minhabba l-incident in kwistjoni fis-somma ta' elfejn mitejn disgha u sittin Lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (LM2,269.45c). F'din il-kawza l-konvenut ma ressaq ebda kontro-talba u lanqas ikkritika din il-likwidazzjoni li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti, izda kif rajna ikkontesta r-responsabilita` ta' l-incident. La darba din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-attur hu responsabbli f'sehem indaqs ghall-konvenut ghall-habta in kwistjoni, isegwi li l-attur ghandu dritt li jigbor minghand il-konvenut nofs is-somma likwidata mill-ewwel Qorti u cioe` s-somma ta' elf mija u hamsa u tletin Lira Maltija (LM1,135.00).

14. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell in parte billi tirrevoka d-decizjoni appellata ta' l-ewwel Onorabbli Qorti u minflok tiddikjara li l-incident awtomobilistiku indikat fic-citazzjoni gara bi htija ugwali tal-kontendenti f'din il-kawza,

tillikwida d-danni konsegwenzjali ta’ l-attur li ghalihom huwa responsabbli l-konvenut fis-somma ta’ elf mija u hamsa u tletin Lira Maltija (LM1,135.00) u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut appellant li jhallas din is-somma hekk likwidata ta’ elf mija u hamsa u tletin Lira Maltija (LM1,135.00) lill-attur bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tas-sentenza ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti u cioe` l-24 ta’ April, 2001. L-ispejjez, kemm ta’ l-ewwel istanza u kemm ukoll ta’ din l-istanza jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

Deputat Registratur
Df/Mgc

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, fl-24 ta’ April 2001, qeghda tigi annessa bhala appendici ma’ din is-sentenza biex tifforma parti integrali ma’ l-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------